VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,479, 29 ta' Settembru, 2015
Taqsima B

A.L. 310 tal-2015

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 291.04

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2015.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih qabel it-tifsira "l-Att" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "l-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali stabbilita permezz tal-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali;". L.S. 497.14

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "u din għandha tintbagħat minnufih għall-kummenti tal-Uffiċjal Awtorizzat jew il-Pulizija skont il-każ. L-Uffiċjal Awtorizzat jew il-Pulizija għandhom" għandhom jidħlu l-kliem "u din għandha tintbagħat minnufih għall-kummenti tal-Aġenzija jew il-Pulizija skont il-każ. L-Aġenzija jew il-Pulizija għandhom";

(b) fis-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "l-kummenti tal-Uffiċjal Awtorizzat" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "l-kummenti tal-Aġenzija"; u

(ċ) fis-subregolament (4) tiegħu, minflok il-kliem "Jekk l-Uffiċjal Awtorizzat" għandhom jidħlu l-kliem "Jekk l-Aġenzija".